# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Salvatore Tabone**

**Kumpilazzjoni Nru: 659/2016**

**Illum 15 ta’ Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Salvatore Tabone detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 491570(M).

Akkuzat talli fl-1 ta’ Ottubru, 2016 ghal habta ta’ nofs il-lejl neqsin hames miniuti (23:55hrs) fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor fil-periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Jacqueline Cauchi detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 55372(M), skond kif iccertifikat it-Tabib Thea Chetcuti MD (Numru tar-Reg 3330) mill-Mosta Health Centre.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jitkompla bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jitkompla.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-unika xhud li kellha l-prosekuzzjoni kienet il-parte leza[1]. Din minbarra li hafret lill-imputat, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u ghazlet li ma tiddeponiex anke minhabba l-possibilita li tinkrimina lilha nnifisha.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi in sostenn ta'l-imputazzjoni l-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tillibera lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] Minbarra it-tabiba li ezaminatha; din it-tabiba tressqet bhala xhud u tat id-depozizzjoni taghha.